**30 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Paul Scicluna

*versus*

Grace Stone, xebba

**Użura — Mutwu — Terminu — Rinunzja — Konteġġi**

*Terminu għall-ħlas ta' mutwu li jiġi konċess in vista ta' ħlas użurarju huwa nvalidu u ma jistax jibbenefika minnu d-debitur.*

*Ir-rinunzji magħmula għandhom ikunu espressi. Meta jintalbu ħlas ta' rati skaduti minn mutwu l-użura li għandha titnaqqas hi biss dik li tkun tħallset fuq dawk ir-rati, u l-użura oħra li setgħet kien hemm għandha titqies fil-konteġġi finali bejn il-partijiet.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni — l-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' sittin lira (£60) ammont ta' għaxar rati mensili ta' sitt liri (£6) — il-waħda skaduti rispettivament fl-ewwel (1) ta' Frar, 1959, fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1959, fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 1959, fl-ewwel (1) ta' Ottubru 1959 fl-ewwel (1) ta' Ottubru 1959, fl-ewwel (1) ta' Jannar, 1960, fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1960, fl-ewwel (1) ta' April 1960, fl-ewwel (1) ta Mejju, 1960, fl-ewwel (1) ta' Ġunju u fl-ewwel (1) ta' Lulju, 1960 u mhux imħallsa u dana dejjem akkont ta' somma akbar dovuta in restituzzjoni ta' diversi mutwi brevi marru magħmula minnu lill-konvenuta u prezz ta' oġġetti mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuta kollox kif jirriżulta mid-dokument unit maċ-ċitazzjoni b'riserva għar-rati ulterjuri u għall-imgħaxijiet dekorsi u dekorrenti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sitta (6) ta' Ġunju, 1960 u tal-Mandat ta' Qbid tal-ħmistax (15) ta' Lulju, 1960;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda u d-dokumenti preżentati maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet li d-domandi attriċi huma ntempestivi għar-rigward tas-somma ta' tletin lira (£30) billi għar-rati skaduti fl-ewwel (1) ta' Frar, 1959, l-ewwel (1) ta' Marzu, 1959, l-ewwel (1) ta' Ġun-

ju, 1959, l-ewwel (1) ta' Ottubru, 1959 u l-ewwel (1) ta' Jannar, 1960 l-attur kien aċċetta l-imgħax u ta terminu ieħor lill-konvenuta; qalet ukoll li l-attur irid jirrifondi lill-konvenuta s-somma ta' ħamsa u tletin lira, erba' xelini u ħames soldi u nofs (£35.4.5½d) imgħax bl-użura li huwa esiġa mingħandha kif jidher mill-prospett minnha eżibit u għalhekk il-bqija taddomanda hija kumpensata;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda u d-dokumenti preżentati mill-konvenuta;

OMISSIS...

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża preżenti għandha bħala meritu tagħha l-ħlas ta' rati determinati akkont ta' mutur u prezz ta' oġġetti li l-konvenuta ħadet mingħand l-attur; jirriżulta li fil-fatt dwar il-mutwi kien hemm interessi użurarji, mentri li għall-prezz ta' oġġetti m'hemm ebda kwistjoni. Jirriżulta wkoll li għal Marzu, 1959 il-kontendenti ftehmu li r-rati li kienu qegħdin jitħallsu fuq il-mutwi allura dovuti u r-rata akkont ta' l-oġġetti — liema rati kienu tħallsu l-aħħar fl-ewwel (1) ta' Jannar, 1959 — saru ta' sitt liri (£6) biss billi nġabar kont wieħed għall-mutwi u għall-prezz ta' oġġetti; meta in segwitu l-konvenuta ħadet oġġetti iżjed il-kont tagħhom ġie nkorporat f'dana l-kont uniku; ir-rati li qegħdin jintalbu huma għaxra ta' sitt liri (£6) l-waħda skaduti fid-dati msemmija fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-konvenuta qegħda teċċepixxi li qabel il-mutwi miġbura kif ingħad, kien hemm mutwi oħrajn, b'interessi użurarji wkoll, u żżid li wara l-ftehim raġġunt f'Marzu, 1959 meta hi ma waslitx bil-ħlas għamlet pagamenti li ma tnizzlux a kreditu tagħha billi ntiżi biex l-attur ma jinsistix għar-rata akkont, u dawna r-rati għalhekk jintalbu għax rinunzjati fit-total tagħ-

hom. Hija qegħda titlob akkreditament tal-użuri fuq il-mutwi preċedenti u anke tal-ħlasijiet li għamlet wara l-ftehim u tgħid li b'dana l-mod ir-rati mitluba (u mhux rinunzjati) huma kompensati, bir-riżultat, skond il-konvenuta li, meta ġie preżentata ċ-ċitazzjoni, hi ma kellha tagħti xejn lill-attur imħabba ntempestività tad-domanda dwar l-ewwel ħames rati u mħabba kompensazzjoni dwar it-tieni ħamsa;

Illi ma jistax ikun hemm dubbju li matul il-kawża r-rati kollha dovuti skadew b'mod li kien il-każ, kif il-Qorti osservat lill-kontendenti, li dawn jillikwidaw darba għal dejjem il-pendenzi ta' bejniethom. Kif però, jidher mill-verbali, dawn ma waslux f'dana l-arranġament u hekk hemm lok għad-deċiżjoni tal-meritu tal-kawża skond ma jirriżultaw li kienu l-fatti meta ġiet preżentata;

Ikkunsidrat;

Illi l-Perit Legali wasal għall-konklużjoni li kien hemm dilazzjoni dwar l-ewwel ħames rati mitluba, u kwindi d-domanda relattiva ma kienetx sostenibbli, u li dwar it-tieni ħames rati, kien hemm lok għall-kompensazzjoni ma użura riċevuta mill-attur fl-ammont ta' dsatax-il lira, sittax-il xelin u sitt soldi (£19.16.6), u hekk l-attur seta' jirbaħ biss mingħand il-konvenuta l-ammont ta' għaxar liri, tliet xelini u sitt soldi (£10.3.6);

Illi bir-rispett kollu l-Qorti ssibha diffiċli biex taqbel ma' dawna l-konklużjonijiet; kwantu għall-ewwel ħames rati u l-Perit stess igħid li t-terminu ngħata in vista ta' ħlas extra mill-konvenuta li ma kellux jitniżżel a kreditu tagħha, iżda l-Perit ra f'dana l-ħlas ħaġa li ma setgħetx issir u għalhekk akkredita lill-konvenuta bl-ammonti relattivi; il-Qorti taqbel li dan kien ħlas użurarju u kwindi illeċitu iżda allura la tonqos il-kawża tad-dilazzjoni dina m'hiex dovuta, u r-rati dovuti

huma pagabbli mill-konvenuta salv li tiġi akkreditata bl-ammonti li ħallset: l-ewwel obbligazzjoni baqgħet tissussisti jekk it-tieni waħda, li kienet sejra tissostitwiha, ma kienetx, kif ma kienetx valida; kwantu għall-użuri riċevuti mill-attur, ma jistax jingħad li dawn kienu kollha riferibbli għall-mutwi li kienu qegħdin jitħallsu billi d-diversi mutwi dejjem inżammu separati, u għal dawn għalhekk għandha ssir riserva speċjalment li hemm xi diffikoltà dwar xi partiti li jidhru mħallsa; jiżdied ukoll li anke kieku kellhom jiġu konteġġjati dawn l-użuri (ta' dejn preċedenti) l-istess konteġġ qatt ma jista' jwassal, kif għamel il-Perit li jikkompensa l-akkont stipulati jew parti minnhom iżda kull użura tnaqqas il-kapital inizjali dovut u l-akkonti jitqiesu akkont tiegħu kif ridott u hekk il-konteġġ suġġerit mill-Perit mhux aċċettabbli bħala prinċipju;

Ikkunsidrat;

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi u biex tiġi provduta t-talba ta' l-attur, wieħed irid jara x'kienet il-pożizzjoni bejn il-kontendenti u x'riedu li jsir meta ftehmu li jiġbru d-debiti kollha f'debitu wieħed u jibda jsir ħlas wieħed akkont tal-istess debitu. Kif ingħad dan ġara għall-Marzu 1959 u kif ingħad ukoll il-konvenuta kienet għamlet ħlasijiet skond il-ftehim preċedenti sal-ewwel (1) ta' Jannar, 1959; il-Perit ra f'dana l-fatt raġuni għaliex l-attur ma setax jitlob ir-rati ġa skaduti fl-ewwel (1) ta' Frar, u ta' Marzu 1959; l-attur ikkritika dina l-konklużjoni fin-nota tiegħu u anke xehed fuqha (u ma ġiex kontradett) fis-sens li meta aċċetta li jibda jirċevi sitt liri (£6) fix-xahar flok £12 (i.e. £7 fuq mutwu £3 fuq mutwu ieħor u £2 fuq l-oġġetti) hu ma rrinunzjax għar-rati allura skaduti iżda biss aċċetta riduzzjoni fir-rata tal-ħlas. Il-Qorti tara raġjonevoli dina t-tesi billi r-rinunzji jridu jkunu espressi u ġa hemm konċessjoni fil-fatt li għar-rati skaduti miftehma u mhux irrinunzjati dawna jkunu anqas milli miftehma oriġinarjament u kif ridotti sussegwentement: għalhekk il-ftehim bejn

il-kontendenti għandu jiġi ritenut li kien fis-sens li l-konv nuta kellha tibda tħallas bir-rata ta' sitt liri (£6) fix-xahar dan mix-xahar immedjatament segwenti għal dak li fih i konvenuta kienet ħallset l-aħħar darba, u cioè b'effett mil ewwel (1) ta' Frar, 1959;

Illi fil-fatt il-konvenuta taċċetta li ma ħallsitx l-iskaden li qegħdin jintalbu; dan però ma jfissirx li t-talba attriċi tist mill-ewwel tiġi akkolta billi hu dejjem neċessarju li wieħ jara jekk il-konvenuta għandhiex tagħti daqshekk (in vista t l-użuri fil-mutwi) u jrid jara wkoll jekk il-konvenuta ħallsit xi ħaġa (kif fil-fatt ħallset għalkemm bl-iskop li tottjeni d lazzjoni). Jiġi però mill-ewwel notat li dan ma jimportax eżami minut tar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti biex jinħ reġ il-bilanċ finali dovut mill-konvenuta; dan kien ikun des derabbli biex il-kontendenti jaqtgħu definitttivament il-pe denzi kollha (kif ġa ssemma) iżda mhux meħtieġ għall-fin jiet tal-kawża preżenti li tirrigwarda l-ħlas miftiehem (fis-se li ġa ntqal) u dak li fil-fatt tħallas. Il-kont finali mbagħad ir isir billi jinġabru d-debiti veri tal-konvenuta (i.e. bla użur u jitqies l-imgħax legali a skaletta skond l-ammonti li ħalls u d-data tal-pagamenti stess akkont; dan però jiġi fi stadj wara dina l-kawża preżenti u anke skond l-esekuzzjoni tagħ ha, u l-pożizzjoni li tirriżulta minn ri-eżami tal-mutwi preċe denti jekk jidhrilha l-konvenuta;

Illi skond il-Perit is-self li għamel l-attur, bla imgħax pendenti meta ġew unifikati mal-prezz ta' oġġetti, flimkie mal-istess prezz (inkluż ta' dawk li ttieħdu wara) jammonta għall-mija u sebgħa u sebgħin lira, ħdax-il xelin u erba' sol (£177.11.4d); il-Qorti taqbel mar-raġunamenti tal-Perit f'dar r-rigward. Akkont ta' l-istess total l-attur juri li rċeva erbgħ u disgħin lira (£94) li però jridu jiġu verifikati sew; per eżem

pju l-Perit isemmi li l-ħamsin lira (£50) hemm indikati jridu tnejn u ħamsin lira (£52). ana l-istadju però, kif intqal, mhux dak li fih għandha ssir dina l-verifika minuzjuża; f'dana l-istadju wieħed irid jara biss kemm tħallsu flok jew in konnessjoni mar-rati li qegħdin jintalbu; f'dana r-rigward il-Perit isemmi u l-Qorti taqbel mar-raġunamenti u konklużjoni tiegħu, li apparti r-rati mħabba (qabel jew wara l-ftehim risaput — u l-ammont ta' £52 hu magħmul minn rati simili) l-konvenuta ħallset tliet liri (£3) u ħames liri (£5) b'kollox tmien liri (£8) u huma dawna li jridu jonqsu mill-ammont li l-attur qed jitlob; iċ-ċiffra ta' mija sebgħa u sebgħin lira ħdax-il xelin u erba' soldi (£177.11.4d) dovuta kif imsemmi u l-imgħax relattiv li jridu jitqiesu bir-rata legali (la darba rriżultat l-użura u l-attur fil-fatt naqqasha mill-bidu), kunsidrati l-ħlasijiet li saru tar-rati, juru biċ-ċar u dan biss hu meħtieġ għall-każ preżenti — li lil-attur hu dovut ammont akbar sew mill-ammont ta' tnejn u ħamsin lira (£52) li in vista tal-premess jirriżulta li għandu jieħu mir-rati mensili li qed jitlob.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' tnejn u ħamsin lira (£52). L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, jitħallsu bil-mod li ġej: dawka tal u konessi mal-perizja jitħallsu mill-kontendenti nofs (½) kull wieħed, l-ispejjeż l-oħra jitħallsu, skond ir-rebħ u telf rispettiv. Salvi d-drittijiet tal-kontendenti reċiprokament in vista tan-negozju li kellhom bejniethom u l-ħlasijiet li saru, ħalli u sakemm jsiru l-kontijiet finali derivanti mill-istess fis-sens indikat.